# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 23**

**Rikors numru 140/12/1 JRM**

**Rita Vella**

**v.**

**1. Tabib Prinċipali tal-Gvern;**
**2. Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi għal kull interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa appell wara kawża ntavolata mill-attriċi appellata dwar ordni ta' trasferiment mogħti lilha waqt li kienet taħdem bħala infermiera fil-*Catheterisation Suite* tal-Isptar Mater Dei. Jirriżulta li kien hemm diżgwid bejn l-appellata u infermiera oħra li kienet taħdem f'din il-ward, li wassal biex it-tnejn li huma għamlu rapport kontra xulxin mad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani. Kienet infetħet inkjesta nterna fuq ir-rapport li kien sar

mill-infermiera l-oħra kontra l-appellata, iżda qabel ma ngħalqet din l-inkjesta nterna, l-appellata kienet ġiet mogħtija ordni ta' trasferiment għar-Residenza San Vincenz de Paule. L-Union tal-Infermiera u Midwives kienet ordnat lill-appellata biex ma tiċċaqlaqx, iżda minnufih kienet ħarġet ordni ulterjuri li l-appellata kellha allura tibqa' mingħajr paga. Minħabba f'hekk, l-Union kienet innegozjat trasferiment għall-appellata għaċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi. L-appellata *nell frattemp* intavolat dawn il-proċeduri għaliex skont hija d-deċiżjoni tal-appellant kienet *ultra vires* u kkawżatilha danni.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi l-għemil fuq imsemmi tal-intimati jew min minnhom sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jmorru kjarament kontra l-liġi u li għalhekk jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 469A (1)(b) stante l-fatt li tali għemil huwa ultra vires ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(i)(ii), (iii) u (iv) u dan għaliex dan l-għemil twettaq minn awtorita' pubblika li ma kienitx awotirzzata sabiex twettqu; u/jew l-istess intimati jew min minnhom naqsu milli kosservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; u/jew għaliex l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż/setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa w issejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti, in kwantu tali trasferiment ma ngħatax minħabba esigenza ta' xogħol; u/jew l-għemil amministrattiv mar mod ieħor kontra l-liġi;
>
> 2. Tiddeciedi u jiddikjara u li r-rikorrenti għandha dritt tiġi kumpensata mill-intimati jew min minnhom minħabba l-fatt li l-għemil fuq imsemmi sar b'abbuż u b'irregolaritajiet u konsegwentement tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti per konsegwenza ta' dan l-għemil fuq imsemmi;
>
> 3. Tordna lill-istess intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jħallsu s-somma hekk likwidata.
>
> u dan prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

> Bl-ispejjeż u bl-imghax legali, inkluż dwar tal-protesti ġudizzjarji hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A' u 'Dok. B' rispettivament, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.

3. Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi eċċepiet, *inter alia,* li mhijiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi, salv għall-eċċezzjonijiet ulterjuri, u ddikjarat li l-attriċi mhijiex impjegata magħha u għalhekk la kienet involuta u lanqas taf xejn dwar id-deċiżjoni mpunjata mill-attriċi f'dawn il-proċeduri.

4. It-Tabib Prinċipali tal-Gvern, illum imsejjaħ l-Uffiċjal Mediku Ewlieni, eċċepixxa, *inter alia,* (1) li l-lanjanza tal-attriċi ma tinkwadrax ruħha fid-definizzjoni ta' egħmil amministrattiv għaliex din id-definizzjoni teskludi xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna fl-istess awtorita`, (2) li mhux dritt tal-impjegat li jippretendi li jibqa' jaħdem fl-istess post għal dejjem, (3) li huwa minnu li l-attriċi ntalbet taħdem fl-Isptar San Vincenz, (4) li dan it-trasferiment ma sarx bħala miżura punittiva, (4) li lill-attriċi ma tnaqqsilhiex il-grad fl-iskali taċ-Ċivil u lanqas ma ġiet imġiegħla tagħmel xogħol li ma jappartjeniex il-grad u l-professjoni tagħha, (6) li l-aġir tiegħu ma jikkwalifikax bħala egħmil abbużiv, (7) li ma twettqet l-ebda nġustizzja jew diskriminazzjoni kontra l-attriċi u (8) li huwa ma jirrispondix għad-danni pretiżi.

5. Illi permezz ta' sentenza parzjali datata 31 ta' Ottubru 2012 l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u ordnat li titkompla l-kawża.

6. Permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Novembru 2016 ġie deċiż hekk :

> "Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:
>
> Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Fondazzjoni mħarrka u ssib li ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attriċi, u għaldaqstant qiegħda teħles lill-istess Fondazzjoni mħarrka mill-ħarsien tal-ġudizzju;
>
> Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi jirriżultalha li l-għemil amministrattiv imwettaq mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern kien wieħed mhux xieraq u kontra l-liġi;
>
> Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqa mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern bħala li mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;
>
> Tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni mġarrba mill-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf mitejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 16,270.75);
>
> Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern iħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat ta' sittax-il elf mitejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 16,270.75) bħala danni likwidati, bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum saljum tal-ħlas effettiv;
>
> Tordna t-tħassir tal-ordni ta' trasferiment maħruġa fl-10 ta' Awwissu, 2011 mid-Direttorat għar-Riżorsi Umani u Amministrazzjoni, u l-attriċi terġa' titqiegħed minnufih fil-qagħda li kienet tokkupa sa dakinhar li nħarġet l-imsemmija ordni; u
>
> Tikkundanna lill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern iħallas l-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tas-sentenza preliminari tal-31 ta' Ottubru, 2012, ħlief għal dawk tal-Fondazzjoni mħarrka, li għandha tħallashom l-attriċi."

7. L-Uffiċjal Mediku Ewlieni preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-2 ta' Diċembru 2016 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.

8. L-attrici appellata preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fis-6 ta' Jannar 2017 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto*, bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra tiegħu.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

9. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti marret lil hinn mill-interpretazzjoni li hemm fil-liġi ta' egħmil amministrattiv u li huwa ċar li d-deċiżjoni mertu ta' dawn il-proċeduri ma kellha qatt tkun suġġetta għal reviżjoni. Jargumenta li d-deċiżjoni li tiġi trasferita l-attriċi tikkostitwixxi egħmil li sar bl-għan ta' organizazzjoni jew amministrazzjoni nterna u għalhekk mhjiex suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju *ai termini* tat-tieni sub-iniċiż tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżid li inoltre s-sitt sub-iniċiż tal-istess Artikolu wkoll jipprekludi l-possibilita` li l-Qrati jissindikaw id-deċiżjoni in kwistjoni. Jargumenta li l-Awtorita`

kompetenti ma neħħiet l-ebda dritt tal-appellata għaliex hija ma kellha l-ebda dritt li tagħżel f'liema sezzjoni tad-Dipartiment trid taħdem, u li ma hemm l-ebda klawsola fil-kuntratt ta' mpjieg tagħha li twaqqfu milli jitrasferixxi lill-appellata f'sezzjoni oħra tad-Dipartiment tiegħu, speċjalment ikkonsidrat li l-appellata hija "*general nurse.*" Skont l-appellant għalhekk l-appellata ma kienet tgawdi minn l-ebda aspettattiva leġittima li se tibqa' taħdem fl-istess sezzjoni tad-Dipartiment.

10. L-attriċi appellata tirribatti illi l-ewwel Qorti fehmet tajjeb u apprezzat iċ-ċirkostanzi prevalenti fil-*Catheterisation Suite* fiż-żmien meta l-attriċi ġiet trasferita u li l-attriċi ġiet ivvittimizzata bi trasferiment bħala kastig u mhux minħabba esiġenzi ta' xogħol. Tgħid illi mill-provi jirriżulta manifestament illi d-deċiżjoni tat-trasferiment ma kinitx raġonevoli, u kienet inġusta u abbużiva u l-appellant ma jistax jippretendi li huwa 'l fuq mill-liġi u li d-deċiżjoni tiegħu mhijiex suġġett għal reviżjoni.

11. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu. F'kawża ta' din ix-xorta, il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali huma marbuta ma' għemil amministrattiv li l-parti attriċi qiegħda tattakka;
>
> Illi meta Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrattiv, hija trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (b) minn persuna jew awtorita' li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi; u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa, dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa;

Illi l-Qorti tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorita' pubblika tkun wettqet id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet qies hija u twettaq dak l-eżerċizzju, iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha ddiskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorita';

Illi bis-saħħa tas-sentenza preliminari mogħtija f'din il-kawża, il-Qorti diġa sabet li għandha tuża s-setgħat tagħha taħt din l-azzjoni speċjali u tisma' l-każ imressaq quddiemha mill-attriċi. Għaldaqstant sejra tgħaddi biex tistħarreġ jekk l-allegazzjonijiet tal-attriċi fil-konfront tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern humiex minnhom;

Illi l-allegazzjonijiet mressqa mill-attriċi fil-konfront tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern huma erbgħa: l-ewwel, li l-ordni ta' trasferiment inħarġet minn awtorita' li ma kenitx awtorizzata li toħroġha; it-tieni, li l-ordni ta' trasferiment saret mingħajr raġuni jew ġustifikazzjoni, u dan bi ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali; it-tielet, illi l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern ħareġ ordni fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti billi t-trasferiment ma ngħatax minħabba eżiġenzi ta' xogħol; u r-raba', illi l-ordni ta' trasferiment saret kontra l-liġi;

Illi mill-provi jirriżulta li f'Awwissu tal-2011, l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern qatagħha li l-attriċi għandha tibda tirrapporta għax-xogħol mhux iżjed mill-Catheterisation Suite ġewwa l-Isptar Mater Dei, iżda mir-Residenza ta' San Vinċenz de Paulee u, aktar tard, mill-klinika tal-Gvern ġewwa Ħal Qormi. Dan it-trasferiment sar bil-miktub iżda ma ngħad xejn fih dwar x'kienet ir-raġuni li l-imħarrek ried illi l-attriċi tibda tirraporta għax-xogħol mir-Residenza ta' San Vinċenz de Paulee u lanqas ma ssemmiet raġuni partikolari meta ntbagħtet fil-klinika tal-Gvern ġewwa Ħal Qormi;

Illi l-attriċi ssemmi ċirkostanzi partikolari għaliex trid tattakka t-tħaddim tad-diskrezzjoni mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern meta ħareġ l-ordni ta' trasferiment. Jirriżulta illi ftit ġimgħat qabel, l-attriċi kienet involuta f'argument fuq il-post tax-xogħol ma' kollega tagħha, li wassal biex iż-żewġ persuni involuti jressqu rapport kontra kulxin lill-amministrazzjoni;

Illi hija tallega illi l-ordni ħarġet waqt illi kienet għadha għaddejja inkjesta interna fuqha, u qabel ma l-Bord ħareġ rapport bis-sejbiet tiegħu. Tallega wkoll illi ma' ħaddieħor l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern ma mexiex l-istess għaliex filwaqt illi l-amministrazzjoni mxiet fuq r-rapport li ddaħħal kontriha, l-imħarrek ma ħa ebda passi biex jistħarreġ ir-rapport mressaq minnha fil-konfront tal-kollega tagħha;

Illi huwa fuq dawn iż-żewġ cirkostanzi illi l-attriċi tibbaża l-każ tagħha u ssejjes il-pretensjoni li l-imħarrek uża ħażin id-diskrezzjoni tiegħu billi ma ngħatatx l-opportunita' illi tiddefendi l-każ kif inhu xieraq (nuqqas ta' smiegħ xieraq), kif ukoll illi mexa b'mod diskriminatorju fil-konfront tagħha;

Illi ladarba l-attriċi ressqet dawn l-allegazzjonijiet, jaqa' fuqha l-piż li tipprova dak li tallega;

Illi llum il-ġurnata huwa stabbilit li biex jitqies li awtorita' tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni illi dik l-awtorita' tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li l-istess awtorita' tkun ħadet fil-konfront tagħha, iżda wkoll li l-persuna tingħata lopportunita' illi ssemma' leħenha, u f'każ fejn il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorita' toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorita' għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunita' xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha;

Illi min-naħa l-oħra, huwa stabbilit ukoll li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna, jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil dik il-persuna trattament differenti minn dak mogħti lil xi persuna jew għadd ta' persuni oħrajn; (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha; (ċ) li t-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq; u (d) li f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern huwa l-persuna li l-liġi tagħti s-setgħa li joħroġ ordnijiet ta' trasferiment ta' impjegati li jaħdmu fi sptarijiet pubbliċi. Daqstant ieħor hu għandu d-diskrezzjoni dwar liema taqsima l-attriċi kellha tintbagħat taħdem fiha, u illi d-deċiżjoni li ttieħdet biex l-attriċi tintalab tirrapporta għax-xogħol mir-Residenza ta' San Vinċenz de Paulee hija għemil amministrattiv għall-finijiet kollha talartikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Iżda fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq u diskriminazzjoni mressqa mill-attriċi, il-Qorti ssib li minn eżami bir-reqqa tal-fatti jidher illi dawn l-elementi kollha jirriżultaw. Fl-ewwel lok, jirriżulta illi l-ordni ta' trasferiment mogħtija lill-attriċi hija għal kollox nieqsa minn raġuni li wasslet lill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern biex joħroġha. Dan wassal biex l-attriċi, qabel il-ftuħ ta' din il-kawża, baqgħet ma kenitx taf ir-raġuni wara t-trasferiment; it-tieni, huwa minnu illi l-ordni nħarġet qabel ma ngħalqet l-inkjesta li kienet għaddejja fil-konfront tal-attriċi; it-tielet, ma nġabet ebda prova illi l-amministrazzjoni nvestigat ir-rapport illi ressqet lattriċi kontra l-kollega tagħha; ir-raba', illi għaldaqstant l-attriċi ma kellhiex l-opportunita' illi tgħid il-verżjoni tagħha tal-fatti sakemm ittieħdet id-deċiżjoni li tibda tirrapporta għax-xogħol f'post ieħor; il-ħames, kien hemm insistenza min-naħa tal-amministrazzjoni biex dan it-trasferiment isir kemm jista' jkun malajr bla ma jistenna li jintemmu l-proċeduri dixxiplinari mnedija sewwasew biex jistħarrġu s-siwi tal-ilment; is-sitta, filwaqt illi l-attriċi ngħatat ordni ta' trasferiment, il-kollega tagħha baqgħet taħdem fil-Catheterisation Suite u kien biss fis-sena 2014 li ngħatat trasferiment band'oħra, liema trasferiment ma kienx marbut mal-kwestjoni li kellha mal-attriċi; is-seba', illi l-imħarrek Tabib Ewlieni talGvern, għajr għal dikjarazzjoni li saret minn rappreżentant tiegħu matul is-smigħ tal-kawża, ma seħħlux juri l-ħtiġijiet li kien hemm

fir-Residenza San Vincenż de Paulee għas-servizz ta' l-attriċi biex wassluh li joħroġ lordni ta' trasferiment fuq l-attriċi, u fil-fatt ħareġ li wara ftit taż-żmien l-attriċi ntbagħtet taħdem fil-Klinika tal-Gvern f'Ħal Qormi; it-tmienja, fuq xhieda li ngħatat minn rappreżentanti tal-Union, f'każijiet ta' diżgwid bejn kollegi fuq ix-xogħol, l-amministrazzjoni ġabet ruħha b'mod differenti;

Illi barra minn hekk jirriżulta wkoll illi l-attriċi, bl-esperjenza li kienet kisbet kemm damet taħdem fil-Catheterisation Suite u bit-tagħlim li akkwistat minn żmien għal żmien, kienet waslet biex speċjalizżat fil-qasam tal-kardjoloġija u li x-xogħol li ntbgħatet tagħmel kien lil hemm minn dan il-qasam ta' speċjalizżazzjoni jekk mhux ukoll ħafna anqas speċjalizżat minn dak li kienet tħarrġet għalih u li, sa ma kienet trasferita, wriet li kienet twettaq b'ħila u dedikazzjoni. Jirriżulta wkoll illi n-nuqqas tal-preżenza tagħha fil-Catheterisation Suite inħass professjonalment;

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti tqis ukoll ir-raġunijiet mogħtija mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern dwar il-ħtieġa tat-trasferiment u l-inkonsistenza fit-tweġibiet tiegħu. Filwaqt illi jtenni illi t-trasferiment tal-attriċi ma kienx marbut mad-disgwid li kien hemm bejnha u l-kollega tagħha Denise Tanti, fit-Tweġiba Maħlufa huwa jistqarr illi r-raġuni kienet sabiex "tassigura illi l-ambjent lavorattiv huwa wieħed san, kemm għallimpjegati nfushom kif ukoll minħabba l-effett li tali ambjent ikollu jew jista' jkollu fuq il-pazjent", u aktar tard jgħid illi l-politika marbuta mattrasferiment hija sabiex jintużaw ir-riżorsi umani bl-aħjar mezz possibbli;

Illi fil-fehma tal-Qorti r-raġunijiet mogħtija mill-imħarrek Tabib Ewlieni ma joqogħdux mal-provi li ħarġu waqt is-smigħ tal-kawża. Lanqas ma jidhru li kienu jħarsu l-prinċipji l-iżjed basilari tal-ħaqq naturali u minħabba f'hekk l-attriċi ġiet imċaħħda mill-opportunita' li tgħid tagħha u, minflok, ġarrbet il-proċess ta' trasferiment għal darba darbtejn bla ma ngħatat widen għal ilment li hija nnifisha kienet ressqet fil-konfront ta' l-imġiba ta' kollega tagħha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern mexa lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi u dan għamlu għal għan mhux xieraq u għalhekk l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

12. L-appellat jargumenta li l-aġir tiegħu mhuwiex sindikabbli mill-Qrati għaliex id-deċiżjoni li tiġi trasferita l-appellata saret bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna u għalhekk hija eskluża mid-

definizzjoni ta' egħmil amministrattiv *ai termini* tal-Artikolu 469 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti wara li kkonsidrat li l-attriċi mhijiex qed tikkontesta d-dritt tal-konvenuti li jibagħtuha taħdem f'sezzjoni jew dipartiment ieħor iżda qed tilmenta biss mill-mod kif sar it-*transfer* tagħha. L-ewwel Qorti kkonsidrat li jekk l-ilment ikun wieħed ta' użu ħażin ta' diskrezzjoni minħabba rraġonevolezza, ksur tal-prinċipji tad-dritt naturali jew *ultra vires* il-kwistjoni ma tibqax waħda ta' sempliċi organizazzjoni jew tmexxija nterna iżda waħda li tolqot il-qalba tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju.

13. Il-Qorti tqis li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti huma korretti u taqbel magħhom. Huwa ċar li l-ilment tal-appellata mhuwiex sempliċiment dwar it-*transfer* innifsu, iżda dwar il-mod kif sar dan it-*transfer* u r-raġuni għaliex sar, għaliex skont l-appellata dan it-*transfer* kien wieħed abbużiv u diskriminatorju. Għaldaqstant din il-Qorti tqis illi safejn l-ilment jitratta użu kontra l-liġi tad-diskrezzjoni min-naħa tal-appellant ma jistax jingħad li tali aġir igawdi immunita` minn stħarriġ ġudizzjarju. L-awtoritajiet pubbliċi huma dejjem obbligati mil-liġi li jwettqu d-doveri u jeżerċitaw il-poteri tagħhom strettament fil-limiti li tagħtihom il-liġi. Għalhekk il-Qrati huma biss preklużi milli jissindikaw il-mertu ta' miżuri li jirriżultaw li kienu effettivament atti magħmula bl-iskop ta' amministrazzjoni jew organizzazzjoni nterna. F'dan il-każ l-appellata qed tilmenta li hija ġiet trasferita b'mod diskriminatorju u mingħajr ma ngħatat

ċans tiddefendi l-pożizzjoni tagħha wara li kien inqala' inċident fuq il-post tax-xogħol bejnha u bejn infermiera oħra, liema infermiera ġiet trattata b'mod aktar favorevoli minnha mingħajr raġuni valida. **Il-Qorti tosserva f'dan ir-rigward li l-appellant ma ġġustifikax ir-raġuni għalfejn wettaq *transfer* permanenti mill-ewwel. Kien ikun mod ieħor kieku sar *transfer* immedjat iżda temporanju pendenti l-eżitu` tal-inkjesta.** Għaldaqstant il-Qorti tqis li din hija proprju l-imġieba li l-leġislatur ried li l-Qrati jkunu jistgħu jistħarrġu sabiex ikun aċċertat li l-poteri mogħtija lill-awtorita` pubblika qed jintużaw skont il-liġi. Għaldaqstant din il-parti tal-aggravju qed tiġi miċħuda.

14. Il-Qorti mbagħad tqis infondat l-argument tal-appellant li l-għemil impunjat mhuwiex sindikabbli mill-Qrati *ai termini* tas-sub-inċiż 6 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont il-ġurisprudenza s-sub-inċiż 6 tal-Artikolu 469A tal-Liġijiet ta' Malta ma jeskludix l-applikazzjoni tal-Artikolu 469A għal kull ħaġa li tinvolvi servizz mal-Gvern, iżda biss fir-rigward ta' lmenti li jitrattaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tal-Gvern.[1] Intqal ukoll li dan is-sub-iniċiż għandu jiġi nterpretat b'mod restrittiv u kull dubju għandu jmur favur il-konklużjoni li jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju u mhux bil-kontra.[2] L-ilment tal-attriċi mhuwiex dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħha iżda dwar deċiżjoni tal-konvenut li

---

[1] Ara per eżempju: **Logotenent Kurunell Andrew Mallia v. Kap Kmandat, Forzi Armati ta' Malta et** (PA, 17/06/2020); **Nikol Borg v. Segretarju Parlamentari fl-Ufficju tal-Prim' Ministru** (App 27/01/2006); **Edward Paule Tanti v. Segretarju Amminisrattiv tal-Ufficju tal-Prim' Ministru** (App 7/10/2005).
[2] **Helen Borg et v. Il-Prim Ministru et** (App 9/02/2001).

jitrasferiha li skont l-attriċi tmur kontra d-dettami tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex hija ma ngħatatx smigħ xieraq qabel ittieħdet id-deċiżjoni mill-konvenut, u li l-konvenut mexa b'mod diskriminatorju kontra tagħha. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li dan l-argument m'għandux mis-sewwa.

15. Mill-bqija l-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant huwa għal kollox infondat. L-appellant jibbaża l-argument tiegħu fuq il-fatt li kien fid-diskrezzjoni tiegħu li jassenja lill-appellata għal liema sezzjoni tad-Dipartiment irid u li l-appellata ma kellha l-ebda aspettattiva leġittima li tibqa' taħdem fil-*Catheterisation Suite.* L-appellant pero` kompletament jinjora l-fatt li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha wara li kkonsidrat li mill-provi jirriżulta li huwa naqas milli josserva l-iżjed prinċipji bażilari tal-ġustizzja naturali meta ddeċieda li jitrasferixxi lill-appellata u li naqas li jagħti widen għall-ilment tagħha dwar l-imġieba tal-infermiera l-oħra li kienet involuta f'inċident dwar *pager.* Dan l-incident kien wassal sabiex dawn iż-żewġ infermiera jagħmlu rapport kontra xulxin u l-appellata tiġi trasferita qabel ma ħareġ l-eżitu` tal-inkjesta li kienet infetħet dwar l-imġieba tal-appellata f'dan l-inċident.

16. Il-Qorti tosserva li l-appellant baqa' qatt ma ressaq provi suffiċjenti biex jissostanzja t-teżi tiegħu li t-*transfer* tal-appellata sar sabiex jintużaw ir-riżorsi umani bl-aħjar mod possibbli. F'dan ir-rigward għandu jingħad

illi l-ewwel Qorti sewwa kkonsidrat li mhuwiex verosimili li l-appellata kienet qed tiġi trasferita għaliex kien hemm din il-ħtieġa fir-Residenza San Vincenz de Paule, meta din l-ordni nbidlet fi żmien ġurnata jew tnejn u hija ġiet trasferita minflok fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi, fejn għadha sservi sallum-il ġurnata. Il-Qorti tqis ukoll li mhux verosimili li jekk kien hemm il-ħtieġa li tintbagħat infermiera fir-Residenza San Vincenz de Paule kellha tigi trasferita l-appellata, ikkonsidrat li mill-provi jirriżulta li l-appellata kienet sa dak iż-żmien rabbiet ċertu esperjenza u speċjalizżazzjoni fil-*Catheterisation Suite*, xogħol li mhuwiex meħtieġ fir-Residenza San Vincenz de Paule. Mill-provi jirriżulta wkoll li minħabba t-trasferiment tal-appellata, kien telaq ukoll ir-raġel tagħha li kien jaħdem fl-istess ward, u dan ħoloq *shortage of staff* f'dik il-ward. Ikkonsidrat għalhekk li huwa ċar li ma kienx hemm xi *surplus* ta' infermiera fil-*Catheterisation Suite,* huwa inverosimili li l-awtorita` ddeċidiet li titrasferixxi infermiera minn din il-Ward minħabba l-allegata esigenza ta' sezzjoni oħra tad-dipartiment jew għall-użu ta' riżorsi umani fl-aħjar mod possibbli. Dan partikolarment ikkonsidrat illi ma tressqet l-ebda prova li kien hemm verament esiġenza li l-appellata tiġi trasferita fir-Residenza San Vincenz de Paule, jew fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi. Il-Qorti tosserva wkoll li l-appellant bl-ebda mod ma ġġustifika għalfejn kienet l-appellata li kellha tiġi trasferita u mhux l-infermiera l-oħra nvoluta fl-inċident, **meta dan kien l-inqas li kellu jagħmel f'dan il-każ**.

17. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa manifestament infondant u qed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

18. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta dwar id-danni akkordati lill-attriċi. L-appellant jargumenta illi meta sar it-trasferiment in kwistjoni l-attriċi baqgħet tgawdi mill-istess grad li kienet tħaddan meta kienet impjegata fil-*Catheterisation Suite* u għaldaqstant kwalunkwe dħul żejjed li hija tivvanta li kellha meta kienet taħdem ġewwa l-*Catheterisation Suite* ma kienx parti mis-salarju li jġib miegħu l-grad tagħha, iżda kien jikkonsisti f'remunerazzjoni addizzjonali. Skont l-appellant għalhekk l-attriċi ma tistax tippretendi li tiġi remunerata għal tali differenza meta l-grad tagħha baqa' l-istess. L-appellant jilmenta wkoll dwar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-attriċi tiġi re-integrata fil-pożizzjoni li kienet tokkupa sa dakinhar li nħarġet l-imsemmija ordni għaliex minn dak iż-żmien 'l hawn l-amministrazzjoni tal-*Catheterisation Suite* nbidlet sew u bħalissa mhemmx postijiet vakanti fiha. Huwa jsostni għalhekk li jekk l-appellanta tiġi re-integrata f'din is-sala ser jinħolqu problemi tekniċi u amministrattivi li se jolqtu negattivament il-funzjoni ta' din is-sala. Jgħid li l-attriċi ġiet trasferita għall-Health Centre ta' Ħal Qormi wara li hi stess uriet ix-xewqa li ma tiġix trasferita għar-Residenza San Vincenz de Paule li jkompli

jsaħħaħ l-argument li t-trasferiment ma kienx miżura dixxiplinari kontra l-attriċi, u llum-il ġurnata jidher li ntegrat ruħha sew f'din il-klinika.

19. L-appellata ma ressqet l-ebda argument kontra dan l-aggravju.

20. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-attriċi titlob ukoll il-ħlas tad-danni għall-ħsara li ġarrbet minħabba dak li seħħ. Id-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbilta' li ġġib fuqha l-awtorita' pubblika bi twettiq ta' delitt jew kwazi-delitt li joħroġ mill-għemil amministrattiv impunjat. Huwa mgħallem illi "it is now clear that what might be called administrative torts are a subject of importance, and often of difficulty, in administrative law ... the remedy of damages, which has always been an essential element in the protection of the citizen against public authorities, is already gaining greater prominance as a means of ensuring that powers are exercised responsibly, in good faith and with due care";
>
> Illi f'kull każ, l-għoti ta' kumpens taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi titlob li qabel kollox ikun sar proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsib li legħmil amministrattiv ikun milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir tiegħu. Minbarra dan, il-bażi tal-ħsara trid tkun dik akwiljana mibnija fuq in-negligenza jew id-dolo, u ma jidhirx li tiġbor fiha l-ħlas ta' kumpens morali;
>
> Illi f'dan il-każ hemm żewġ ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti biex tistħarreġ it-talba tal-attriċi għall-ħlas tad-danni. L-ewwel waħda hija li l-Qorti sabet li l-għemil amministrattiv impunjat kien wieħed ċensurabbli u sar b'mod mhux raġonevoli. It-tieni, l-attriċi ressqet il-prova ta' telf fis-sottomissjonijiet tal-għeluq, anke jekk il-Qorti ma taqbilx mal-ammont li l-attriċi qiegħda tippretendi bħala kumpens;
>
> Illi l-grad tar-"raġonevolezza" meħtieg biex jiġi sodisfatt dan ir-rekwizit, ġie mistħarreġ u mfisser ukoll mill-Qrati tagħna meta ngħad li:"F'dan ir-rigward il-Qrati Inglizi applikaw u esponew dan il-principju f'diversi forom. Hekk, per eżempju, fil-każ Wednesbury Corporation Lord Greene semma bħala kriterju li l-azzjoni in disamina tkun "so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority"; Lord Denning fit-Tameside Case esprima dan il-kunċett f'dawn it-termini "so wrong that no reasonable person could sensibly take that view" u Lord Diplock fil-każ Council of Civil Service Unions qal "so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards

that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it";

Illi daqstant ieħor huwa stabilit ukoll li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza ikun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq;

Illi f'dan il-każ il-Qorti tqis illi kienet ħaġa għal kollox irraġonevoli għall-amministrazzjoni illi ċċaqlaq minn sala ta' sptar persuna mħarrġa u speċjalizzata meta din kienet għaddejja taħt inkjesta fuq episodju li jidher ta' ftit serjeta' u meta l-eżitu tal-inkjesta kien għadu mhux magħruf. L-għaġġla li mxiet biha l-amministrazzjoni fil-fatt uriet illi ma kenitx u la xierqa u lanqas meħtieġa għaliex ir-riżultat li ħareġ mill-proċess dixxiplinari li tnieda kontra l-attriċi sab li kien biżżejjed li tingħata twiddiba. Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Dr Robert Xuereb meta stqarr illi, professjonalment, in-nuqqas tal-attriċi mill-Catheterisation Suite inħass għaliex kienet persuna li taf xogħolha u kienet tagħti sehem siewi fit-tmexxija tax-xogħol f'dik is-sala speċjalizzata. Minn naħa l-oħra, l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern naqas li juri l-ħtieġa illi s-servizz ta' l-attriċi kien tabilħaqq meħtieġ band'oħra jew li kellha tkun l-attriċi li tkun trasferita biex tmur taħdem f'istituzzjoni oħra u mhux ħaddieħor;

Illi biex tkun tista' tintlaqa' talba għall-għoti tal-kumpens għd-danni taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura, mhuwiex meħtieġ li l-għemil ikun sar b'ħażen: ikun biżżejjed jekk l-għemil amministrattiv ma jkunx twettaq b'mod raġonevoli;

Illi mill-provi ħareġ ukoll li l-ħsara li ġarrbet l-attriċi kienet il-konsegwenza diretta tat-trasferiment tagħha minn banda għal oħra u li dan it-trasferiment kien ordnat mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern li jrid iwieġeb għal dik il-ħsara;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li l-attriċi għandha l-jedd illi tingħata kumpens għal dak li ġarrbet minħabba l-għemil amministrattiv imwettaq mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern u, safejn it-tieni talba tagħha tqis dak il-jedd, sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-kumpens li jistħoqqilha tiġbor l-attriċi, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa, l-attriċi qed titlob it-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (lucrum cessans). Illi l-kejl tat-telf imġarrab mill-attriċi jrid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi kieku l-ordni ma nħarġetx. Iżda, b'differenza minn dak li qed titlob l-attriċi, id-dħul disponibbli tagħha kien ikun dak id-dħul li jifdlilha wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta soċjali u t-taxxa tad-dħul, jiġifieri il-qligħ nett. Hekk ukoll hija l-fehma tal-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi ġarrbet telf fid-dħul wara li ħarġet l-ordni ta' trasferiment. Jirriżulta illi fis-sena 2010 (sena qabel l-inċident) l-attriċi kellha salarju gross ta' ħmistax-il elf disa' mija u ħamsa u għoxrin euro u ħdax-il ċenteżmu (€15,925.11) fis-sena u erbatax-il elf erba' mija u ħamsa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (€14,445.03) bħala allowances u ħlas ta' sahra. Id-dħul kollu kien soġġett għal ħlas ta' taxxa u ta' Sigurta' Soċjali, li flimkien tħallset is-somma ta' sebat elef sitt mija u ħames euro u tmienja u sittin ċenteżmi (€7605.68). Għaldaqstant id-dħul nett tal-attriċi fl-aħħar sena sħiħa qabel qalgħet it- trasferiment kien ilaħħaq it-tnejn u għoxrin elf seba' mija u erbgħa u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€22,764.46);

Illi mbagħad id-dħul tagħha matul is-sena 2011 (dik li matulha qalgħet ittrasferiment) l-attriċi kellha salarju gross ta' sittax-il elf disa' mija u tnejn u erbgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€16,942.44) 57 u disat elef mitejn u ħamsa u tletin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€9,235.55) bħala allowances u ħlas ta' sahra; filwaqt li, bejn taxxa u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali, l-attriċi ħallset l-ammont ta' sebat elef tmien mija u ħamsa u sebgħin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€7875.72). Għaldaqstant id-dħul nett kien ta' tmintax-il elf tliet mija u żewġ euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€18,302.27);

Illi matul is-sena 2012, l-attriċi kellha salarju gross ta' sittax-il elf erba' mija u erbgħa u ħamsin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€16,454.48) flimkien ma' sitt elef tmien mija u ħamsa u għoxrin euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€6,825.69) bħala allowances u ħlas ta' sahra, li minnhom tħallset taxxa u kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Soċjali fl-ammont ta' sebat elef u erbgħa u għoxrin euro (€7024). Għaldaqstant, id-dħul nett tal-attriċi matul l-2012 kien ta' sittax-il elf mitejn u sitt u ħamsin euro u sbatax-il ċenteżmi (€16,256.17);

Illi fir-rigward tad-dħul nett jidher illi l-attriċi kellha tnaqqis ta' €6508.2961 bejn is-sena 2010 u s-sena 2012, li l-biċċa l-kbira minnu kien ġej minn tnaqqis sostanzjali ta' dħul minn allowances u sahra. Dan iġib medja ta' telf jew nuqqas ta' dħul nett fis-somma ta' tlitt elef mitejn u erbgħa u ħamsin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 3,254.15) kull sena;

Illi fil-kalkoli tagħha, l-attriċi titlob illi l-telf li ġarrbet għandu jiġi mifrux fuq medda ta' erbatax-il (14) sena sad-data tal-irtirar tagħha mis-servizz. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pretensjoni għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, kif issemma aktar 'il fuq, lil hemm mis-sejba ta' ħtija fl-imġiba tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern mal-attriċi f'dan il-każ, l-imħarrek xorta għandu d-deskrezzjoni dwar liema taqsima tal-isptar jew liema istituzzjoni oħra tista' tintbagħat taħdem fiha l-attriċi jekk il-ħtiġijiet tas-servizz tassew ikun jitolbu dan. Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx li hija raġuni tajba illi l-attriċi torbot it-telf tad-dħul tagħha daqslikieku kienet ser tibqa' fil-Catheterisation Suite sa ma tilħaq l-eta' tal-irtirar. It-tieni, il-Qorti waslet għal-fehma illi l-ordni maħruġa fil-konfront tal-attriċi ma saritx sewwa u b'hekk trid titreġġa' lura, u dan ikun ifisser li l-attriċi titqiegħed fil-qagħda

li kienet tkun fiha fis-16 ta' Awwissu tal-2011 b'effett immedjat. Għaldaqstant mhux il-każ illi l-attriċi tingħata kumpens għal dak li xorta ser taqla' kemm-il darba terġa' tibda taħdem f'dik it-taqsima u sakemm iddum hekk taħdem;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tillikwida d-danni mġarrbin mill-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf mitejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 16,270.75);

Illi minħabba f'hekk it-tieni parti tat-tieni talba attriċi hija mistħoqqa u l-Qorti qiegħda tagħmel il-likwidazzjoni li jidhrilha xierqa biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li l-attriċi ġarrbet minħabba l-għemil amministrattiv mertu tal-każ;"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

21. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wkoll infondat. It-tħassir tal-ordni ta' trasferiment tal-10 ta' Awwissu 2011 u l-ordni li l-attriċi terġa' titqiegħed minnufih fil-qagħda li kienet fiha eżattament qabel ma ħarġet din l-ordni hija l-konsegwenza naturali tas-sejbien illi d-deċiżjoni tal-appellant hija *ultra vires ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tħassir tad-deċiżjoni tal-appellant ipoġġi lill-appellata fil-pożizzjoni li kienet tinsab fiha eżatt qabel ma ttieħdet, daqslikieku fil-fatt din id-deċiżjoni ma kienet ittieħdet qatt. Dan hu sewwasew l-għan tar-rimedju provdut mill-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju f'egħmil amministrattiv u għalhekk l-appellant ma jistax jaħrab minnu għaliex mhuwiex konvenjenti għalih.

22. Fir-rigward tal-argument tal-appellant li l-appellata stess talbet li tiġi trasferita fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi, il-Qorti tqis li dan l-argument

huwa tassew vessatorju. Mill-provi jirriżulta li meta l-appellata rrifjutat li tiċċaqlaq minn fejn kienet fuq ordni tal-Union tagħha wara li ħarġet l-ordni ta' trasferiment, kienet ħarġet ordni oħra skont liema l-appellata kellha tibqa' mingħajr paga. Kien għalhekk li kienu saru negozjati bejn il-Union u d-Dipartiment, u l-eżitu` tagħhom kien li l-appellata tiġi trasferita fiċ-Ċentru ta' Saħħa ta' Ħal Qormi. Jirriżulta ċar li l-appellata aċċettat dan it-trasferiment mhux għaliex verament riedet titlaq mill-ward fejn kienet, iżda għaliex l-alternattiva kienet li tibqa' mingħajr paga.

23. Dwar l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti, jirriżulta li l-ewwel Qorti fil-fatt ikkonsidrat li d-differenza fid-dħul annwali tal-attriċi kienet dovuta primarjament għal tnaqqis sostanzjali ta' dħul minn *allowances* u sahra. Jirriżulta wkoll illi l-ewwel Qorti waslet għas-somma ta' kumpens akkordata minnha billi ħadmet id-differenza medja fid-dħul tal-attriċi (fl-ammont ta' €3,252.15) fuq medda ta' ħames snin. Din il-Qorti tqis illi din il-likwidazzjoni hija waħda raġonevoli u ma jidhirx li hemm lok li din il-Qorti tiddisturba l-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti. L-appellant ma rnexxilux iressaq prova sodisfaċenti li s-servizzi tal-appellata kienu aktar meħtieġa f'xi sezzjoni oħra tad-Dipartiment. Inoltre, mill-provi jirriżulta li l-appellata kellha relazzjoni eċċellenti mal-infermiera u t-tobba li kienu jaħdmu f'dik il-ward, kif ukoll mal-pazjenti li saħansitra bdew isaqsu għaliha wara li kienet ġiet trasferita. Jirriżulta wkoll ix-xogħol ta' din il-ward kien għal qalb l-attriċi, tant li kienet tattendi korsijiet u

konferenzi anke barra minn Malta biex titgħallem aktar fuq dan ix-xogħol. Dan oltre li rriżulta li fil-ward ma kienx hemm xi *surplus* ta' professjonisti, u anzi bil-kontra. Għalhekk minn dan kollu l-Qorti tqis li kalkolu ta' kumpens fuq medda ta' ħames snin jidher raġonevoli, għaliex mill-provi jirriżulta ferm probabbli li kieku ma kienx għat-trasferiment abbużiv imwettaq mill-appellant, l-appellata kienet tkun baqgħet taħdem f'dik il-ward u għalhekk kienet tkun baqgħet tibbenefika mid-dħul medju konstatat mill-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**L-ispejjeż jitħallsu mill-appellant.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm